MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2012

Appell Kriminali Numru. 365/2010

Il-Pulizija
Vs
Philip Borg

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 268469M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Akkużat talli fil-lejl bejn il-5 u 6 t'April, 2006 mill-fond numru 11 Triq il-Ħalel (Buġibba) San Pawl il-Baħar li jintuża bħal ħanut tal-imħatri u banka tal-lottu numru 301, flimkien ma' Charles Mizzi
1. Kkommetta serq ta' flus kontanti, kemm Maltin u kemm barranin, kif wkoll kwantita ta' mobile phones top up vouchers, liema serq huwa aggravate bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-2329.37 Euro, ekwivalenti ghal elf lira Maltin, u bil-hin li sar ghad-dannu ta' Joseph Galea u jew ta' persuni ohra;
2. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma

tiskorrix l-1164.69 Euro, ekwivalenti ghal 500 lira Maltin, imma izjed minn 116.47, ekwivalenti ghal 50 lira Maltin
3. U iktar talli kkommetta reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija fil-perjodu operativ ta’ sentenza ta’ prigunerija sospiza, datata 11 ta’ Jannar 2006;
4. U iktar talli kiser il-provvidement ta’ l-Artikolu 7 (1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza datata 12 ta’ Jannar 2006;
5. Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu ricediv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-28 ta’ Lulju, 2010 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(h), 18, 261(b)(ċ)(f), 263, 265, 266, 267, 270, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kap 9, 18 u 325(b) tal-Kap 9 , 18, 28A, 28B,28C, 28D, 28E, 28F, 28G, 28H tal-Kap9, l-artikolu 7(1(2) u22 tal-Kap 446u 19 tal-Kap 9, 49,50, 289 tal-Kap 9, 17, 23, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 sabet lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni, tat-tieni imputazzjoni, b’dan pero’ li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni (mezz għall-fini), ħati tar-raba’ u tal-ħames imputazzjoni u mhix tieħu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni ġaladarba din l-imputazzjoni diġa’ ttieħdet in konsiderazzjoni fi proċeduri oħra.

Dwar il-piena, il-Qorti ikkonsidrat li l-imputat mhux l-ewwel darba li seraq, li seraq minn post fejn kien stmat u fejn qabel kien qed jiekol flimkien mas-sid tal-ħanut, l-ammont involut u l-ksur tal-Probation Order mogħtija tliet xhur biss u qed tikkundanna lill-imputat għal piena kumplessiva ta’ priġunerija ta’ tliet snin.

Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti ikkundannat lill-imputat iħallas l-nofs l-ispejjeż tal-esperti maħtura matul l-inkjesta għaliex din saret wara s-16 ta’ Jannar 2006 liema spejjeż jammontaw ghal 328.63 Euro u ghal hekk l-imputat ghandu jhallas 164.31 Euro, u dawn għandhom jitħallsu fi żmien xahar mid-data tas-sentenza.
Rat ir-rikors tal-appellant Philip Borg minnu pprezentat fid-9 ta’ Awissu, 2010 fejn talab lil din il-Qorti tannulla s-sentenza appellata jew altrimenti tvarjha fis-sens li tikkonfermahah in kwantu biss dina ma haditx konjizzjoni tat-tielet akkuza migjuba kontra l-esponent, u tirrevokaha

in kwantu sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel, it-tieni, ir-raba` u l-hames akkuzi, u kkundannatu ghal tliet snin prigunerija, u dan billi tilliberah mill-imsemmija akkuzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Philip Borg, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda d-data tas-sentenza. Sentenza jehtigilha tindika d-data ta' meta tkun inghatat, mentri s-sentenza hawn appellata ma tindikax id-data ta' meta inghatat. Id-data tas-sentenza hija essenzjali ghall-validita` taghha, u allura din is-sentenza ghandha titqies nulla u bla effett.

2. Illi t-tieni aggravju jirreferi ghall-fatt li l-Ewwel Qorti ma setghetx isserrah fuq ix-xhieda ta' l-imsemmi Charles Mizzi biss, li f' ghajn il-ligi se mai huwa ko-awtur fir-reat in kwistjoni. Ix-xhieda ta' Charles Mizzi ma gietx korroborata minn xejn, la finger prints, la sejbien ta' oggetti misruqa, xejn. Din mhix kwistjoni ta' kelma ta' xhud kontra kelma ta' l-imputat, imma l-kelma ta' l-awtru tad-delitt kontra l-kelma ta' l-imputat. Il-Qorti tirreferi ghall-imgieba ta' l-esponent fix-xhieda tieghu u tirreferi wkoll ghal fatt li Charles Mizzi kien jaf hafna dettalji fuq il-hanut meta huwa ma kienx jiffrekwentah. Din mhix il-korroborazzjoni lit rid il-ligi: il-fatt li l-esponent kien involut fis-serqa. Anqas il-fatt li Charles Mizzi ma kienx jiffrekwenta il-hanut m'hi korroborazzjoni univoka li tipponta lejn involviment ta' l-esponent; Charles Mizzi seta` kien assistit minn kwalunkwe persuna f'Malta li kellha informazzjoni dwar id-derubat u l-hanut tieghu.

3. Illi fuq il-meritu u bla pregudizzju ghal dak sottomess fl-ewwel aggravji, l-esponent jichad bil-qawwa kollha li huwa b'xi mod kien involut f'dan is-serq. L-Ewwel Qorti tirrimarka li l-esponent ma tantx xhed dwar dan: imma x' hemm x'tixhed dwar dan? L-esponent, fl-interess teighu li jipprova jikkopera mal-pulizija, ipprova jiftakar x'kien qed

jaghmel hu fil-lejl tas-serqa, u stqarr dak li allura seta` kien qed jaghmel fil-lejl in kwistjoni. L-ewwel Qorti tat hafna importanza ghat-tibdil tal-verzjonijiet ta' l-esponent, minghajr ma qieset li huwa daqxejn difficli tiftakar xi tkun ghamilt f'lejl partikolari xhur jew snin qabel. Naturalment l-esponent sarulu "leading questions" waqt l-interrogazzjoni tal-pulizija, u r-rispost li naraw fl-istqarrija jkunu biss l-ahhar twegiba wara li l-persuna investigata jkunu sarulha diversi suggerimenti. Mela jekk l-ufficjal investigattiv isaqsi lis-suspettat x'kien qed jghamel Bugibba fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' April tas-sena ta' qabel, is-suspettat in bona fede jassumi li dakinhar hu stess verament kien Bugibba, u jipprova jiftakar meta kienu l-okkazjonijiet li mar Bugibba ghal ikla, in bona fede huwa jassumi li l-investigatur irid informazzjoni dwar dik l-okkazjoni, imma b' daqsekk ma jkunx ifisser li dik l-ikla verament saret fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' April kif ikun issuggerixxa l-investigatur. Klenet tkun haga ferm aktar suspettuza kieku l-issuspettat/esponent biddel il-verzjonijiet ghax ftakar f'okkazjonijiet ohra li kien Bugibba hija aktar indikattiva li l-esponent ma vvintax storja u baqa` jirrepetiha, kif wara kollox jidher li ghamel Charles Mizzi. Dan li qed jinghad hawn ma kien japplika xejn kieku l-esponent gie interrogat mill-pulizija xi jiem wara is-serqa; jidher li l-Ewwel Qorti skappatilha d-data ta' l-interogazzjonijiet, u qieset il-verzjoni ta' l-esponent bhala indikazzjoni cara li kien qed jahbi l-involviment tieghu.

4. Illi bla pregudizzju ghat-tielet aggravji precedenti, u biss b'mod subordinarju, ir-raba` aggravju jirreferi ghal-piena inflitta. Filwaqt li l-espoenenti jibqa` jishaq fuq l-innocenza tieghu, anke keku din l-Onorabbli Qorti ssibu hati bhall-Ewwel Qorti, jibqa' li l-prigunerija effettiva ta' tlett snin hija iebsa ferm, l-aktar meta tqabblilha mal-piena moghtija lill-awtur principali tas-serqa in kwistjoni li gie kkundannat sentejn prigunerija, u dawn gew sospizi. Tajjeb li l-gustizzja ssir, imma tkun trid tidher li qed issir fil-kwartieri kollha taghha. Il-komplici forsi ghandu jehel daqs l-awtur jew forsi inqas, imma zgur mhux aktar. L-awtur ammetta ghax inqabad, mhux ghax ried jghamel xi pjacir lill-pulizija; l-esponent m'ammettiex ghax ma kellux x'jaqsam fil-bicca, u ta' dan jigi kkastigat ukoll. M'ghandux jasal messagg li ahjar tammetti ghal xi haga li m'ghamiltx

ghax inkella imbghad tpatti qares. Sfortunatament minn zmien ghal zmien dan qed jigri: certi persuni qeghdin kontra qalbhom jammettu ghal xi haga li m'ghamlux ghax jigu mbezzghin li jekk ma jammettux u jinstabu hatja jehlu piena harxa. Dan mhux sewwa.

5. Illi finalment, u bla pregudizzju ghall-aggravji ta' qabel, il-hames aggravju jirreferi ghas-sejbien ta' htija taht ir-raba` akkuza. Jidher li l-Ewwel Qorti, wara li sabet lill-imputat hati ta' din ir-raba` akkuza, ittrattat ma' l-imputat f9uq dak il-kaz u l-piena inflitta tinkludi piena taht il-Kap 446 tal-Ligijet ta' Malta. Biex isir dan, dik il-Qorti kellha tapplika l-artikolu 23 ta' dan il-Kap446, izda fl-istess hin mis-sentenza hawn appellate ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti ikkunsidrat dan l-Artikolu 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat.

Bil-verbal tas-27 ta' Lulju, 2012 l-appellant irtira l-ewwel agravju tieghu dwar id-data tas-Sentenza u ghalhekk il-Qorti tastieni milli tiehu konjezzjoni ulterjuri ta' dan l-aggravju u tghaddi biex tikkonsidra l-bqija ta' l-aggravji.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fis-6 ta' April, 2006 ghal habta ta' 8:00 am certu Joseph Galea li jmexxi "betting shop" u banka tal-lottu 301 f'numru 11 Triq il-Hallel, Bugibba ghamel rapport l-ghassa tal-Qawra li meta mar jiftah il-banka sab illi xi persuna jew persuni mhux maghrufa kienu dahlu fil-banka minn naha ta' wara illi taghti ghal fuq wara ta' fejn hemm is-"Caesar's s Night Club" fil-pjazza ta' Bugibba u kienu nsterqulu ammont sostanzjali ta' flus u top-up vouchers tal-mobile. Fil-fond kien instab mobile phone li ma kienx ta' Joseph Galea. Minn ricerka li ghamlet il-pulizija gie stabbilit illi dan kien jappartieni lil Charles Mizzi minn Hal Luqa. Dan ammetta li l-mobile phone kien tieghu u li kien dahal fil-hanut biex wettaq is-serqa. Spjega lill-Pulizija l-modalita tas-serqa fejn kien iltaqa ma l-appellant

u li kien hajjru jwettaq din is-serqa. Charles Mizzi kien tela' fuq dahar l-appellant illi zmien qabel kien halla t-tieqa mbexqa u l-appellant indikalu fejn sid il-banka kien ihalli l-flus. Meta qabez waqalu l-mobile u Charles Mizzi ma ndunax, il-kaz tieghu huwa llum "res judicata". Fiz-zewg stqarrijiet illi huwa rrilaxxja lill-pulizija l-appellant nnega illi kien ha sehem f'din is-serqa. Charles Mizzi xehed quddiem l-ewwel Qorti u spjega l-operat tieghu u ta' l-appellant, fil-kontro ezami ammetta li kien jaf lil Fortunato Borg illi jigi hu l-appellant li kien silef tliet mitt Lira (LM300) lil Mizzi. Xehed ukoll l-appellant fejn ta verzjoni daqsxejn differenti fis-sens illi huwa kien jaf illi huh Fortunato kien sellef xi flus lil Mizzi u ghalhekk allega li dan ta' l-ahhar kien ivvinta din l-istorja biex ma jdejqux. Fit-trattazzjoni taghha d-difiza argumentat illi Charles Mizzi kkommetta s-serqa u waslu ghalih sena wara, Mizzi kellu xi ghajnuna u b'xi mod issemma l-appellant. Irrizulta li Mizzi kellu jaghti flus lil hu l-appellant u dan ta' l-ahhar kien qed jaghmel pressjoni fuqu sabiex ihallas, ghalhekk gie allegat illi Mizzi wahhal fl-appellant biex jehles minnu b'dan il-mod. Il-pulizija arrestaw lill-appellant u staqsewh x'kien qieghed jaghmel f'Bugibba f'certa zmien u l-appellant ma setax jiftakar u pprova jghin lill-pulizija u beda jiftakar ftit ftit, din giet interpretata bhala nuqqas ta' konsistenza. L-unika prova li kellha l-pulizija kien l-istess Mizzi u dan kien komplici jew ko-akkuzat. Mizzi ma kienx familjari mal-hanut izda l-appellant kien jafu sew u dan ingieb bhal korroborazzjoni. Id-difiza staqsiet xi provi kien hemm illi l-informazzjoni dwar l-intern tal-hanut giet moghtija mill-appellant ?

Ghal dak li jirrigwardja l-piena l-appellant ilmenta illi tliet snin prigunerija kienet iebsa wisq meta tqis illi Mizzi wehel sentejn sospizi, ghalhekk wehel hafna aktar minn dak illi effettivament wettaq is-serqa.

Ikkunsidrat.

Mill-provi jirrizulta illi l-appellant kien midhla sew tal-hanut fejn saret is-serqa, kien jaf fejn Galea jzomm il-flus u l-hinijiet tal-ftuh u l-gheluq tal-hanut tieghu u meta ddecieda li jwettaq is-serqa talab l-ghajnuna ta' Mizzi.

Sfortunatament ghal Mizzi dana halla l-mobile tieghu warajh fil-hanut u ghalhekk meta gie nfaccat mil-pulizija dwar dan il-fatt ma kellux triq ohra illi jammetti l-operat tieghu. Sid il-hanut Joseph Galea qal illu hu qatt ma ra lil Mizzi fil-hanut ghad illi lill-appellant kien jafu sew u ma kellux diffikulta jidentifikah bhala l-imputat. Id-difiza wkoll argumentat illi bhala komplici suppost Mizzi kellu jkun korroborat minn xi xhieda ohra. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghall-Artiklu 639 tal-Kap 9 kif emmendat fejn tnehhiet il-htiega ta' korraborazzjoni izda introduciet il-kuncett li l-verzjoni ta' komplici ghandha tittiehed b'kawtela. L-Artiklu ma jghidx kif ghandha tigi kkunsidrata din il-kawtela u thalli f'idejn il-Magistrat jew min ikun sejjer jiggudika l-fatti. Ghalhekk il-prosekuzzjoni ma kelliex ghalfejn tipproduci korroborazzjoni basta illi l-verzjoni ta' Mizzi tittiehed b'kawtela u dan ma jfissir illi ma tistax tigi emmnuta jekk il-Qorti tkun sodisfatta mill-vericita' taghha.

Ikkunsidrat.

L-argumenti illi gabet id-difiza quddiem il-Qorti ta' l-Appell huma l-istess illi ngiebu quddiem il-Qorti tal-Magistrati illi trattat dawn l-argumenti u ddecidiet dwarhom. Din id-decizjoni hija bbazata fuq konsiderazzjonijiet u argumenti sodi fejn il-Qorti nnegat wahda wara l-ohra dawn l-argumenti sabiex waslet biex sabet htija u kkundanat lill-appellant. Dan ta' l-ahhar ma jistax jilmenta dwar disparita fl-ghoti tal-piena, Mizzi kkopera mal-pulizija u ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu, l-appellant pero' ma ammettiex u kellu jinstab hati, ghalhekk il-Qorti ma tistax titratta liz-zewg persuni l-istess. L-appellant ukoll qieghed jilmenta illi l-ewwel Qorti wkoll hadet zball meta kkwotat l-Artiklu 22 tal-Kap 446 flok it-23 u jallega fis-sottomissjonijiet illi dan l-izball igib in-nullita.

Din il-Qorti ma taqbel xejn ma dan l-argument, hija ovja illi l-Qorti hadet zball li flok l-Artiklu 23 nizlet l-Artiklu 22, dan l-izball ma gab l-ebda pregudizzju ghall-appellant u l-Qorti ma tistax tifhem kif kellu jinkludiha bhala agravju. Izda "in

all fairnest" l-appellant ma allegax illi dan l-izball kellu jwassal ghan-nullita tas-Sentenza.

Ghalhekk il-Qorti wara li ghamlet apprezzament approfondit tal-provi illi kellha quddiemha l-ewwel Qorti issib illi dik il-Qorti setghet ragunevolment tasal ghal konkluzjoni illi waslet ghaliha, f'dan il-kaz huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------